RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

* **MINUTI tal-Laqgha A 10** Data u Hin
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija iltaqa' nhar**
**It-Tnejn 18 ta' Lulju 2011 fis-6.30p.m**
**Fl-Ufficcju Amministrattiv f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 09**

Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A09 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti A 09

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 09**

2.01 Dwar minuta 3.11, is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea tablet li tigi ememdata hekk kif gej: Korrezzjonijiet A 09

Dwar minuta 6.03, Is-Sindku qal li mhux kuntent bix-xoghol li sar u li l-perit ghadha ma-ccertifikatux dan ix-xoghol. Il-kuntrattur qal li x-xoghol sar hazin peress li t-tarmac lahaq kesah. Huwa lest li jaqta partijiet minnu u jerga` jaghtih mill-gdid, jew li jaghmlilna bicca ohra b'xejn jew jaghtina skont tax-xoghol li diga` sar.
Is-Sna. Farrugia Galea ssuggeriet li nghidu l-kuntrattur li jaqta` l-bicca li saret hazin u terga` ssir u nitolbuh ukoll biex jaghmel ukoll tarmac x'imkien ierhor. Il-Kumitat qabel.

2.02 Dwar minuta 4.02, is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea tablet li tigi ememdata hekk kif gej:

Is-Sindku nforma l-laqgha li f'Gunju ser tiftah skema, fejn il-Kumitati Amministrattivi ser ikunu jistghu japplikaw ghaliha u jinghataw €20,000 ohra. Huwa ssuggerixxa lill-membri tal-kumitat sabiex jikkunsidraw li dawn il-flus juzawhom biex jaghmlu *extensive patching* lil numru ta' toroq li fl-opinjoni taghhom huma l-aktar toroq iffrekwentati minn nies. Huwa ssuggerixxa li l-kumitat jikkunsidra li jsiru Landrijiet, Bieb ir-Ruwa (hdejn il-White House) u d-dahla ghall-Ghemmieri. Dawn huma toroq li ma johdulniex hafna zmien biex isiru. Huwa m'huwiex ta' l-opinjoni li Wied Rini ssir ghalissa, peress li kemm il-


8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

darba jsir l-izvilupp tal-*Wind Farm*, din terga` tinqala` kollha. Is-Sna Farrugia Galea irrimarkat li hija ngusta li dawn ir-residenti jdumu jistennew sakemm issir dan l-izvilupp, sakemm tigi rrangata it-triq taghhom.

Il-Kumitat qabel li ghandhom jigu identifikati toroq li jghaddi l-aktar volum ta' traffiku minnhom.

Is-Sur George Attard qal li l-Kumitat ghandu jnaqqas l-ispejjez fuq il-qtugh ta' haxix u sigar u l-flus li niffrankaw jintuzaw biex naghmlu *extensive patching*. Ghaldaqstant, huwa ssugerixxa li jinqata` l-haxix fl-areas li huma ta' periklu biss.

Is-Sindku qal li din is-sena ghandna budget ta' €15,000 fuq il-qtugh ta' haxix, u l-Kunsill ser jipprova jonfoq sa' €5,000 biex il-kumplament jintuzaw fuq manutenzjoni ta' toroq.

**3.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 09 (Kontinwazzjoni)**

Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A09 (Kontinwazzjoni) jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti gew approvati.

Approvazzjoni tal-Minuti A 09 (Kontinwazzjoni)

**4.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 09 (Kontinwazzjoni)**

Korrezzjonijiet A 09 (Kontinwazzjoni)

4.01 Dwar minuta 8.01.3, is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea tablet li tigi ememdata hekk kif gej:

Is-Sna. Joanne Farrugia Galea ssuggeriet li nimxu fuq l-istima diga mahruga mil-perit tal-Kunsill. Hija sahqet li huwa minnu li t-Triq tas-Santi tintuza hafna, pero l-iktar problema li ghandna huwa Misrah Patri Martin Caruana, pero dan ma jfissirx li l-Misrah huwa ta' aktar importanza mit-Triq tas-Santi.

**5.00 Punti Mqajma tal-Minuti A09**

Punti Mqajma tal-Minuti A09

5.01 Dwar minuta 3.02, lc-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha li l-permess mil-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghadu ma harigx.

5.02 Dwar minuta 3.04, lc-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha li kellem lil madam tal-iskola u din ser tibghat ittra lil Fondazzjoni ghall-Iskejjel t'Ghada.

5.03 Dwar minuta 3.06, lc-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha l-'Bring-In-Sites'ser jitnehhew.

5.04 Dwar minuta 3.07, l-Agent Segretarju Ezekuttiv Orietta Masini Cardona infurmat l-laqgha li ser nkellmu lill- Kunsillier Robert Micallef biex naraw x'hareg mil-kuntratt ta' Art l-Kuncizzjoni.

5.05 Dwar minuta 3.09, lc-Chairperson Paul Grech rrimarka li l- problema tal-fossa ghadha ma ssolvitx ghax sal-llum stess reget faret. Ic-Chairperson informa l-laqgha li l-Inginier Andrew Scicluna nfurmah li kien ser jibdel l-haddiema.

5.05.1 Is-Sur Paul Galea ssugerixxa li niktbu ittra lil Health Dipartment.

5.05.2 Is-Sur George Attard ssugerixxa li ghandna nistennew sa laqgha ohra qabel nibghatu l-ittra la gejjin l-haddiema l-godda, biex qabel tigi osservata il-fossa fuq gimgha.

5.05.3 Ic-Chairperson Paul Grech ippropona li ghandna inhallu gimgha biss mil-llum u jekk ma jkunx hemm zvilluppi tintbghat l-ittra. Il-Kumitat qabel.

5.06 Dwar minuta 3.10, Ic-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha li s'issa ghad m' ghandniex risposta. Il-Kumitat qabel li ghandha tintbghat '2nd reminder'.

5.07 Dwar minuta 3.11, Ic-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha li l-kuntrattur infurmah li kien ser jirranga' l-bicca li saret hazin meta jaghmel it-toroq l-ohra.

**5.00 Punti Mqajma tal-Minuti A09 (Kontinwazzjoni)**

Punti Mqajma tal-Minuti A09 (Kontinwazzjoni)

5.08 Dwar minuta 6.01, l-Agent Segretarju Ezekuttiv Orietta Masini Cardona infurmat l-laqgha li waqt il-laqgha tal-Kunsill F 29 gie deciz li l-kwotazzjoni tal-latrina pubblika ser tohrog ma' kwotazzjonijiet ohra li ser johrog il-kunsill fil-futur qarib.

5.09 Dwar minuta 7.01, l-Agent Segretarju Ezekuttiv Orietta Masini Cardona infurmat l-laqgha li waqt il-laqgha tal-Kunsill F 29 gie decizz li l-kwotazzjoni tas-'Soft Area' ser tohrog ma' kwotazzjonijiet ohra li ser johrog il-kunsill.

5.10 Dwar minuta 8.06, Ic-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha li ser issir qtugh ta haxix fil-area tal-Landrijiet u tas-Sirena.

5.10.1 5.10.1 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea irrimarkat li fl-area tal-Fidden hemm bzonn li jsir qtugh ta' haxix ukoll u dan minhabba li qed ikun ta' periklu ghat-traffiku ghax l-karozzi qed jaqbzu fuq l-lane l-ohra tat-triq.

5.10.2 Is-Sur Anglu Portelli irrimarka li ghandu bzonn jinqata' Fomm ir-Rih.

5.11 Dwar minuta 8.09, Ic-Chairperson Paul Grech informa l-laqgha li l-Ispettur tal-ghassa tal-pulizija qed jiehu hsieb il-kaz, kellmuh u l-irham kien tnehha kollu minn got-triq.

5.11.1 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea irrimarkat li ma kienx tnehha kollox.

5.12 Dwar minuta 8.12, Is-Sur George Attard issugerixxa li qabel jibda issir xi xoghol f'dan il-Misrah, tajjeb li l-kumitat ikollu r-rotta ezatt ta' kif ser ser jibda jahdem t-trasport pubbliku ta' 'Arriva' fid-dawra tal-Misrah.

5.13 Dwar minuta 8.14, Is-Sur Anglu Portelli qalli li ghalkemm fl-area li qed jitkellem dwara fija l-'cart ruts' xorta l-izvilupp jista jsir.

**6.00 Progetti u Inizjattivi Godda (Memo 55/2011)**

6.01 Ic-Chairperson, Is-Sur Paul Grech ipprezenta l-pjanta u l-figuri li hejjiet il-perit.

Progetti u Inizjattivi Godda (Memo 55/2011)

6.02 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea talbet li ghandu jigi iccarat mal-perit ghaliex ziedet 'Pro rata rate for additional 10mm thickness fl-istima tal-progett. Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea irrimarkat ukoll li meta il-perit zdiet it-10% 'kontingenza' l-istima giet ghola minn € 20,000 li qed joffri il-gvern ghal dan il-progett.

## 7.00 Pjan ta' Hidma

7.01 Ic-Chairperson, Is-Sur Paul Grechipprezenta l-istimi li hejjiet l-perit dwar xoghlijiet ta' 'resurfacing' ta' diversi toroq. 'Resurfacing' tat-Toroq

7.02 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea ssuggerit li l-kumitat ghandu jara l-pjan ta' hidma aktar fid-dettal biex hekk ikun jista jaghzel liema triq ser issir is-sena id-diehla 20012-20013. Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea qalet ukoll li l-pjan ta' hidma ghadu jigi diskuss f'seduta ohra u ikun l-uniku 'item' fuq l-agenda. Il-Kumitat qabel.

## 8.00 Affarijiet Ohra

8.01 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea irrimarkat li inbidlu l-figuri tal-'Budget' 2011 u l-'Financial Statement' 2010. Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea ssuggerit li l-kumitat ghadu jitlob lil 'accountant break-down' ta' kull 'heading' x'kienu. Affarijiet Ohra

## 9.00 Aggornament

9.01 L-agenda giet ezawrita u l-laqgha ntemmet fit-9.00p.m. Sar aggornament ghal nhar it-Tnejn 22 ta' Awissu 2011 fis-6.30 p.m. Aggornament

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**